MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2998/1996/1

**APS Bank Ltd.**

**vs**

**Colcam International Marketing Associates Limited; u Charles Camenzuli u martu Helen Camenzuli u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2001 gie kjamat fil-kawza Anthony Coleiro.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici kienet ikkoncediet lis-socjeta` konvenuta Colcam International Marketing Associates Limited facilita` ta' *overdraft* (Dok "A", "B", "C", u "D").

Illi l-konvenut Charles Camenzuli flimkien ma persuna ohra bl-isem ta’ Anthony Coleiro kienu kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mas-socjeta` konvenuta msemmija favur is-socjeta` attrici sal-ammont ta’ tletin elf lira (Lm30,000) u dan bhala granzija ghall-hlas lura ta’ l-imsemmija facilita` ta’ *overdraft* u l-imghaxijiet relattivi u dan kif jirrizulta mill-anessa garanzija ffirmata fit-18 ta’ Mejju 1993 (Dok “E”).

Illi f’Ottubru 1993 is-socjeta` attrici waqqfet l-imsemmija facilita` ta’ *overdraft*.

Illi fl-4 t’April 1996 l-imsemmi garanti Anthony Coleiro hallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm7,985.09 u ghalhekk l-istess socjeta` attrici lliberat lill-imsemmi Anthony Coleiro mill-imsemmija garanzija li hu kien iffirma.

Illi l-bilanc li ghadu dovut sal-lum skond l-imsemmija facilita` ta’ *overdraft* jammonta ghal tmint elef mija u tlieta u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm8,143.55) u dan kif jirrizulta mill-imsemmi *statements* (Dok “F” u “G”) u dan oltre l-imghax ulterjuri b’effett mit-28 ta’ Gunju 1996.

Illi ghalhekk dan il-bilanc ta’ Lm8,143.55 hu dovut mis-socjeta` konvenuta Colcam International Marketing Associates Limited u mill-konvenuti l-ohra Charles u Helen konjugi Camenzuli b’mod solidali bejniethom.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc dovut izda baqghu inadempjenti.

Illi l-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti b’mod solidali bejniethom huma debituri tas-socjeta` attrici tas-somma ta’ tmint elef mija u tlieta u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm8,143.55) rapprezentanti somma dovuta skond facilita` ta’ *overdraft* moghtija mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u tad-delegat taghha, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp lis-socjeta` konvenuta u ghall-hlas ta’ liema

somma l-konvenuti Charles u Helen konjugi Camenzuli kkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta` konvenuta favur is-socjeta` attrici.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti b'mod solidali bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' tmint elef mija u tliet u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm8,143.55).

Bl-ispejjez inluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 1996 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni u bl-interess ulterjuri b'effett mit-28 ta' Gunju 1996 sad-data tal-hlas effettiv u bis-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 2 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Camenzuli a fol. 28 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta Colcam International Marketing Associates Ltd llum tinsab fi stadju ta' stralc u l-istralcjarju taghha hu Anthony Valvo li kwindi ghandu jigi notifikat bl-atti.

2. Fit-tieni lok, mis-somma ta' Lm32,762.96,9 dovuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici fit-30 ta' Awissu 1993 (Dok. CC 1), il-konvenuti konjugi Camenzuli bhala garanti solidali hallsu minn fondi personali taghhom is-somma ta' Lm20,293.36 (Dok. "CC2", "CC3", "CC4" u "CC5') filwaqt li l-garanti solidali l-iehor, Anthony Coleiro hallas biss Lm7,598.09 minn fondi personali tieghu skond ma jidher mic-citazzjoni attrici u kwindi Anthony Coleiro ma messu qatt gie liberat mill-garanzija solidali; ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza Anthony Coleiro billi kull somma llum dovuta lis-socjeta attrici hi dovuta minn Anthony Coleiro u mhux mill-konvenuti Camenzuli li gia hallsu abbondantement ghal sehemhom mid-dejn.

3. Fil-mertu, s-socjeta attrici ghandha tipprova kif u ghaliex fid-29 ta' Settembru 1992 addebitat il-kont tas-socjeta konvenuta bis-somom ta' Lm379.27 u Lm463.21 meta ma

kienitx awtorizzata hekk tiddebitah u *in ogni* kaz trid tipprova l-bilanc dovut llum lilha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni taghhom a fol. 29 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Lulju 1997 fejn Dr.Meilaq talab li jigi notifikat Anthony Valvo bhala likwidatur tal-kumpanija Colcam International Marketing Associates Ltd. Il-Qorti laqghet it-talba; tal-14 ta’ Ottubru 1997 fejn deher il-likwidatur Anthony Valvo u spjega li minhabba li d-ditta m’ghandhiex fondi hu ma kienx qabbad avukat u tas-16 ta’ Marzu 1998;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Louis Gauci;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha ipprezentat l-affidavit ta’ Edward Calleja;

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta’ Novembru 1998; tat-22 ta’ Ottubru 1999 fejn Dr. Meilak iddikjara li m’ghandux provi aktar; tal-1 ta’ Marzu 2000;

Rat in-nota tal-konvenut Charles Camenzuli li permezz taghha ezebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tat-3 ta’ Mejju 2000; tal-4 ta’ Ottubru 2000; tat-2 ta’ Novembru 2000; tal-11 ta’ Jannar 2001; tal-15 ta’ Marzu 2001;

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha ezebiet l-affidavit taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Gunju 2001 fejn xehed John Fenech. Dr.Porsella Flores talab il-kjamat in kawza ta’ Anthony Coleiro. Dr.Stefan Meilaq oppona ghal tali talba; tal-15 ta’ Novembru 2001 fejn xehdu Edward Calleja u Anthony Valvo; tat-12 ta’ Dicembru 2001; tal-21

ta’ Marzu 2002 fejn xehed Louis Gauci; tal-24 ta’ April 2002 fejn il-Qorti nnotat li n-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Coleiro saret *fuori termine* stante li giet notifikata fit-23 ta’ Lulju 2001, mentri l-eccezzjonijiet huma prezentati fl-10 ta’ Ottubru 2001. Ghalhekk il-Qorti ordnat l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Coleiro, u rrevokat *contrario imperio* d-digrieti taghha dwar ir-rikors tal-konvenuti Camenzuli.; tat-13 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Porsella Flores xtaq jinghata permess li jifformalizza l-pozizzjoni tal-konvenuta Helen Camenzuli kif gja spjegat fl-affidavit taghha billi tinghata l-opportunita’ tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li biha titlob li tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Is-socjeta’ attrici u d-difensur taghha flimkien mal-kjamat in kawza msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-prezentata ta’ l-istess. Huwa pprezenta l-istess nota *seduta stante*. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ 40 gurnata lis-socjeta’ attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti u l-kjamat in kawza jkollhom 40 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Jannar 2003;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Helen Camenzuli a fol.166 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi hija ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hija ma kellha x’taqsam xejn mal-gestjoni tan-negozju mertu tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ sottomissjoniet tal-konvenuti konjugi Camenzuli;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna huma s-segwenti: is-socjeta’ APS Bank Ltd ikkoncediet lis-socjeta’ konvenuta Colcam International Marketing Associates Limited facilita’ ta’ *overdraft*. Illi l-konvenut Charles Camenzuli flimkien ma’ Anthony Coleiro kienu kkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta favur is-socjeta’ attrici sal-ammont ta’ Lm30,000 ghall-hlas ta’ l-imsemmija facilita’ ta’ *overdraft* u l-imghaxijiet relattivi. Illi f’Ottubru 1993 is-socjeta’ attrici waqqfet l-imsemmija facilita’. Illi fl-4 ta’ April 1996 il-garanti Anthony Coleiro hallas lis-socjeta’ s-somma ta’ Lm7,985.09 u s-socjeta’ attrici lliberatu mill-imsemmija garanzija li hu kien iffirma. Illi minhabba li ghad hemm bilanc dovut ta’ Lm8,143.55 oltre’ l-imghax ulterjuri b’effett mit-28 ta’ Gunju 1996 is-socjeta’ attrici qed tippretendi dan l-ammont minghand is-socjeta’ konvenuta u l-konvenuti konjugi Camenzuli b’mod solidali bejniethom.

Illi min-naha taghhom il-konvenuti Camenzuli eccepew illi s-socjeta’ konvenuta llum tinsab fi stadju ta’ stralc u l-istralcjarju taghha hu Anthony Valvo li ghandu jigi notifikat bl-atti. Eccepew ukoll illi mis-somma ta’ Lm32,762.96,9 dovuta mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, il-konvenuti konjugi Camenzuli bhala garanti solidali hallsu minn fondi personali taghhom is-somma ta’ Lm20,293.36 filwaqt li l-garanti solidali l-iehor Anthony Coleiro hallas biss Lm7,598.09 minn fondi personali tieghu u kwindi ma messu qatt gie liberat mill-garanzija solidali; ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza Anthony Coleiro billi kull somma llum dovuta lis-socjeta’ attrici hi dovuta minnu u mhux minnhom peress li gia hallsu abbondantement ghal sehemhom mid-dejn. Fil-mertu qed joggezzjonaw ghal zewg ammonti li gew addebitati fuq il-kont tas-socjeta' konvenuta meta ma kienitx awtorizzata u l-bilanc irid jigi ppruvat.

Illi **Louis Gauci,** fil-kwalita’ tieghu ta’ *Assistant General Manager* tas-socjeta’ attrici APS Bank Limited, ikkonferma li permezz ta’ *sanction letter* datata 2 ta’ Mejju 1992 (Dok.A a fol.5 u 6 tal-process) il-Bank accetta li jikkoncedi facilita’ ta’ *overdraft* ta’ Lm20,000 lis-socjeta’ konvenuta. Permezz ta’ *sanction letter* ohra datata 24 ta’ Marzu 1993

(Dok "B" a fol.7 et seq. tal-process) il-Bank estenda din il-facilita' sas-somma globali ta' Lm30,000 ghall-perjodu ta' tlett xhur. Imbaghad kien hemm *sanction letter* ohra datata 27 ta' Mejju 1993 (Dok "C" a fol.10 et seq. tal-process) fejn il-Bank estenda l-facilita' sas-somma globali ta' Lm50,000. Fit-30 ta' Lulju 1993 harget *sanction letter* ohra (Dok "D" a fol.13 et seq. tal-process) fejn il-Bank irriduca l-imsemmija facilita' ghas-somma globali ta' Lm30,000. Din il-facilita' kienet garantita permezz ta' "*pledge*" fuq zewg kontijiet bankarji ta' Lm10,000 l-wiehed liema kontijiet bankarji kienu jappartjenu lil wiehed mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta Charles Camenzuli. L-istess facilita' kienet ukoll garantita permezz ta' garanzija personali u solidali sa l-ammont ta' Lm30,000 moghtija mill-istess Charles Camenzuli u mid-direttur l-iehor Anthony Coleiro. Din il-garanzija inghatat fuq il-*Bank Guarantee Form* (GI) u giet iffirmata fit-18 ta' Mejju 1993 (a fol.48 *et seq*. tal-process)

Illi mbaghad is-socjeta' konvenuta kellha problemi finanzjarji u l-Bank waqqaf l-uzu tal-imsemmija facilita' u bdew diskussjonijiet ta' kif se jithallas il-bilanc. Infatti f'Settembru u Ottubru tas-sena 1993 bi ftehim ma' Charles Camenzuli llikwidaw l-imsemmija kontijiet bankarji li kienu qed jaghmlu tajjeb ghal din il-facilita' biex inaqqsu l-bilanc. Il-Bank wasal fi ftehim ma' Anthony Coleiro biex ihallas nofs is-somma li kienet ghadha dovuta bil-kondizzjoni li l-Bank jilliberah mill-imsemmija garanzija solidali. Infatti fl-4 ta' April 1996 Anthony Coleiro hallas is-somma ta' Lm7,985.09 b'din il-kundizzjoni. Il-Bank hekk ghamel *ai termini* tal-Klawsola Nru12 tal-istess garanzija.

Illi Charles Camenzuli baqa' jinsisti li finanzjarment ma setax ihallas il-bilanc li kien ghadu dovut u lanqas ma seta' jaghmel tajjeb b'garanzija li kieku l-Bank kellu jaghtih self f'ismu biex ihallas il-bilanc pendenti.

Illi x-xhud ikkonferma li l-bilanc dovut sa dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni kien ta' Lm8,143.55 liema bilanc ma jinkludix l-imghax ulterjuri kalkolat mit-28 ta' Gunju 1996 u spejjez legali. Illi rigward it-tielet eccezzjoni hu qal li l-Bank ircieva struzzjonijiet bil-miktub (permezz ta' fax)

minghand is-socjeta’ konvenuta biex jiddebita l-kont taghha (vide Dok “LG7” a fol.61 tal-process)

Illi in kontro-ezami qal illi fiz-zmien illi ttiehdet il-facilita’ hu ma kienx jahdem il-Bank. Lanqas in-negozjati ma’ Coleiro ma saru mieghu. Huwa li nizzel fl-affidavit ghax ra l-*files* mhux ghax kien prezenti huwa. Huwa ma jafx xejn *di scienza propria.*

Illi x-xhud **Edward Calleja**, *Assistant General Manager (Head Office)* ma’ l-APS Bank Ltd bazikament ikkonferma dak li qal Louis Gauci u kkorrobora maghha. Infatti rigward l-ammonti ta’ Lm379.27 u Lm463.21 li jikkorrispondu ghal Francs Francizi 6,000 u Dollari Amerikani 1,500 gew mahruga fuq talba tas-socjeta’ konvenuta. Huwa spjega li fid-29 ta’ Settembru 1992 impjegat tal-imsemmija socjeta’ konvenuta mar ikellmu l-Bank u talbu johrog zewg *Bank Drafts* ghall-valuri msemmija. Huwa cempel personalment liz-zewg diretturi u kellimhom dwar zewg affarijiet. L-ewwel haga kienet dwar l-*excess position* ta’ l-*overdraft account* ta’ l-istess socjeta’ u t-tieni haga kienet dwar it-talba tal-impjegat tas-socjeta’ konvenuta biex jinhargu l-imsemmija *Bank drafts*. Hu avzahom illi jekk ma jsirx depozitu fl-*overdraft account* tas-socjeta’ konvenuta ma kienx se johrog dawn il-*bank drafts*. Huwa talabhom konferma bil-miktub biex jikkonfermaw it-talba verbali taghhom biex jinhargu l-imsemmija *bank drafts*. Huwa kkonferma illi kemm Charles Camenzuli kif ukoll Anthony Coleiro kienu tawh struzzjonijiet verbali cari li kellu jiddebita l-*overdraft account* relattiv bis-somom imsemmija.

Illi in kontro-ezami qal li dwar il-fatt meta Anthony Coleiro gie lliberat mill-garanzija kien il-*General Manager* tal-Bank, is-Sur Gruppetta, li kellmu ghalkemm b’mod indirett ix-xhud kellu x’jaqsam ukoll. Camenzuli ma kienx jaf li kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet ma’ Coleiro. Infatti peress li Camenzuli ma kienx f’posizzjoni li jhallas il-Bank beda jara kif ser jirkupra l-flus. Huwa gie mistoqsi wkoll rigward Dok “EC2” li hu *memo* tieghu dwar iz-zewg *bank drafts* li hemm oggezzjoni fuqhom. Huwa gie mistoqsi ghaliex dawn hargu meta kien hemm biss firma wahda ta’

Coleiro fuq l-ittra li ntbaghtet meta mill-memo jirrizulta illi l-Bank nsista li jkollu struzzjonijiet bil-miktub minghand iz-zewg diretturi. Huwa qal li hu ma kienx segwa x'gara mit-telefonata. Illi pero' verbalment huwa kien kellem lit-tnejn ghax ghal kwalunkwe transazzjoni dejjem hekk kien jaghmel. Huwa kkonferma dak li hemm miktub minnu stess. Huwa ftakar ukoll li kienu saru laqghat l-ufficcju taghhom fejn iz-zewg diretturi kienu prezenti bl-avukati taghhom fejn tkellmu fuq is-*settlement* ta' dawn il-flus.

Illi **Charles Camenzuli** spjega kif huwa u Coleiro ftehmu biex jiffurmaw kumpannija li sussegwentement kriet u bdiet topera l-lukanda Medina Hotel fir-Rabat. Irrefera ghall-arrangamenti li kien hemm bejniethom u semma li Coleiro qallu li kellhom bzonn jifthu *overdraft account* li wassal biex fit-18 ta' Mejju 1993 huwa ffirma l-karti necessarji fosthom garanzija personali ghad-dejn tas-socjeta'; kif ukoll *pledge* fuq zewg kontijiet bankarji li kellu ta' Lm10,000 il-wiehed. Huwa qal li hadd ma spjegalu u fehmu l-kontenut tad-dokument wisq anqas tal-klawsola 12 invokata mill-Bank. Il-kumpannija falliet f'Ottubru 1993 u Coleiro ma riedx li jhallsu d-dejn. Meta imbaghad is-socjeta' attrici waqqfet l-*overdraft facility* il-Bank zbanka l-kontijiet bankarji tieghu u akkreditahom lis-somma lilu dovuta (vide Dok "CC4" u "CC5"). Il-proceduri ta' likwidazzjoni kienu avvanzati sew. Fl-1996 sema' li Anthony Coleiro kien irranga mal-Bank u meta mar jara sab li hu kien ftiehem ihallas nofs is-somma li kienet dovuta f'dak iz-zmien u lliberawh mill-garanzija. Huwa ma giex infurmat mill-Bank dwar dan. Illi b'hekk qed jippretendi li minhabba li huma socji ndaqs huma kellhom ihallsu indaqs.

Illi huwa cahad li Calleja kellmu fuq it-telefon dwar iz-zewg *bank drafts* u lanqas ma ta struzzjonijiet lill-Bank f'dan is-sens.

Illi **Helen Camenzuli**, mart Charles Camenzuli, xehdet li hi taf li zewgha flimkien ma' Anthony Coleiro kellhom socjeta' fil-bidu tas-snin disghin. Hija ma kellha x'taqsam xejn ma' dan in-negozju.

Illi **John Fenech** kien *Assistant Accountant* mas-socjeta' konvenuta w ilu li spicca 9 snin. Huwa qal li s-sitwazzjoni finanzjarja ma kienitx tajba.

Illi **Anthony Valvo** hu l-istralcjarju tas-socjeta' konvenuta. Huwa qal li l-kumpanija hija *insolvent*. Illi pero' dwar l-*overdraft facility* huwa ma kienx jaf dettalji dwarha.
Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-APS Bank Ltd. ikkoncediet *overdraft facility* lis-socjeta' konvenuta kontumaci Colcam International Marketing Associates Limited permezz ta' diversi *sanction letters* ezebiti fil-process u kif spjegat fl-affidavit ta' Louis Gauci. Illi rrizulta mill-atti wkoll illi l-konvenut Charles Camenzuli flimkien ma' Anthony Coleiro, il-kjamata in kawza, kienu kkostitwew ruhhom garanti personali u solidali sa' l-ammont ta' Lm30,000. Illi din il-facilita' kienet garantita wkoll permezz ta' *pledge* fuq zewg kontijiet bankarji ta' Lm10,000 l-wiehed liema kontijiet bankarji kienu jappartjenu lil wiehed mid-diretturi tal-istess socjeta' konvenuta cioe' l-konvenut Charles Camenzuli.

Illi rrizulta li s-socjeta' konvenuta kellha problemi finanzjarji u f'Ottubru 1993 is-socjeta' attrici waqqfet l-imsemmija facilita'. Illi rrizulta li s-socjeta' konvenuta hija fi stadju ta' stralc ghax kif ikkonferma Anthony Valvo, l-istralcjarju tas-socjeta' konvenuta kontumaci, din is-socjeta' hija nsolventi. Illi peress li din il-facilita' kienet garantita permezz ta' *pledge* fuq zewg kontijiet bankarji appartenenti lil Charles Camenzuli, il-Bank zbanka l-kontijiet bankarji tieghu u akkreditahom lis-somma lilu dovuta. Illi minn Dok "CC4" u "CC5" (a fol.34 u 35 tal-process) irrizulta li dawn l-ammonti kienu jammontaw ghal Lm10,118.36 u ghal Lm10,175.89 u effettivament gew zbankati mis-socjeta' attrici. Illi mbaghad is-socjeta' attrici waslet fi ftehim ma' Anthony Coleiro, id-direttur l-iehor u l-garanti solidali, li jhallas nofs il-bilanc li kien ghad fadal cioe' l-ammont ta' Lm7,985.09 u lliberatu mill-imsemmija garanzija li hu kien iffirma. Illi hu minnu li l-konvenut Camenzuli ma kienx infurmat b'dak li qieghed jigri u li hu sar jaf b'dan l-arrangament wara u b'hekk mar jistaqsi lill-Bank. Dan gie kkonfermat minn diversi xhieda fosthom l-istess Edward Calleja. Illi pero' hawnhekk jinghad, u dan

kif anki, ammess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, illi l-bank attur kellu kull dritt li jasal fil-ftehim li wasal ma' Anthony Coleiro u dan *ai termini* tal-klawsola Nru 12 tal-garanzija ffirmata minn Coleiro u Camenzuli. Din il-klawsola tghid hekk:-

*"You are also to be at liberty without thereby affecting your rights hereunder at any time and from time to time at your absolute discretion to release discharge compound with or otherwise vary or agree to vary the liability under this Guarantee or make any other arrangements with any one or composition variation agreement or arrangement shall prejudice or in any way affect your rights and remedies against the other or others of the undersigned."*

Illi l-konvenut semma l-**artikolu 993** tal-Kap.16 li tirrikjedi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti *in bona fede.* Certament din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-kuncett u kellha gia' diversi drabi cans tapplika dan il-principju ghall-kazijiet li kellha quddiemha fosthom **"A. Attard vs D. Aquilina et"** (RCP deciza fit-30 ta' Mejju 2002). Illi ovvjament l-istess jinghad ghall-vertenza odjerna. Il-konvenut Camenzuli ffirma l-istess garanzija – dan ma jinnegahx. Huwa lanqas m'ghamel xi proceduri biex jattakka l-istess dokument ghax forsi kien imgieghel b'xi mod. Huwa qal biss li hadd ma spjegalu l-kontenut u t-tifsira tal-klawsola Nru 12. Illi pero', bir-rispett kollu, din mhiex skuzanti – ladarba huwa ffirma hu sottointiz li kien jaf x'kien qieghed jaghmel u li kien qieghed jifhem. Jekk ma kienx il-kaz hu kellu d-dover li jitlob assistenza. Izda l-konvenut Camenzuli lanqas biss ipprova dan izda waqaf biss fuq allegazzjoni. Ladarba ffirma huwa ntrabat li jezegwixxi *in bona fede* u hekk ghandu jsir.

Illi infatti l-**artikolu 1094 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

*"L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur."*

Illi l-effett tal-istess obligazzjoni solidali skond **l-artikolu 1096 tal-Kap 16** huwa li:-

*"Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni."*

Illi tal-istess portata huma d-disposizzjonijiet tal-istess **Kodici Civili "Fuq il-Garanzija",** tant li **l-artikolu 1935 tal-istess Kap 16** jipprovdi li:-

*"Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx –*

*(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur."*

Illi l-istess jinghad **fl-artikolu 1937 tal-Kap 16** fejn hemm stipulat car li:-

*(1) "Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu."*

*(2) "Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-beneficcju tal-qsim tad-dejn, <u>jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur,</u> jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Charles Bonnici et vs Anna Farrugia"** (2 ta' Ottubru 2001 – 3317/96/RCP):-

*"Illi ovvjament l-istess garanti li jhallas id-dejn ghandu dritt ta' regress kontra l-garanti solidali l-ohra ghall-sehemhom skond **l-artikolu 1949** u anke kontra d-debitur principali skond **l-artikolu 1942,** pero' kif fuq inghad dan huwa mertu ta' azzjoni ohra u mhux dik prezenti peress li f'din il-kawza l-atturi skond il-ligi qed jitolbu biss li jithallsu l-kreditu taghhom mill-konvenuta bhala garanti solidali taghhom abbazi tal-obbligazzjoni specifika minnha assunta bil-ftehim precitat, mentri d-dritt ta' regress tal-konvenuta meta u jekk ha thallas id-dejn jitratta dwar ir-*

*relazzjoni interna bejn l-istess garanti solidali u d-debitur principali ...".*

Illi l-konvenut Camenzuli kkwota **l-artikolu 1960** li jipprovdi:-

*"Jekk il-kreditur jehles wiehed mill-garanti tieghu minghajr il-kunsens ta' l-ohrajn, dan il-helsien jiswa lill-garanti l-ohra sas-sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus."*

Illi pero' dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni *stante* li dan l-artikolu gie sorvolat mill-klawsola Nru 12 li tinsab fil-garanzija solidali ffirmata mill-istess Camenzuli. Illi inoltre' fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2001 il-konvenut Charles Camenzuli ddikjara li hu mhux qed jikkontesta l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici mis-socjeta' attrici.

Illi nonostante dan jinghad li anki jekk irrizulta li Camenzuli hallas ferm aktar minn Coleiro din hija konsegwenza tal-garanzija solidali li dahal ghalih. *Se mai*, huwa jista' jdur kontra l-istess Coleiro jekk jippretendi li kellhom ihallsu b'mod ugwali izda ma jistax jeccepixxi kontra s-socjeta' attrici li huma kellhom johorgu l-istess ammont ta' flus, ghaliex dan l-argument huwa *res inter alios acta* ghall-bank. Dan kif anki kkonfermat mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (App. Kumm.- 19 ta' Mejju 1995 – Vol.LXXIX.ii.947) fl-ismijiet **"Av. Dott. Henry sive Eric Mamo noe vs Charles Psaila et"** fejn intqal:-

*"…minhabba li hawn si tratta mhux ta' garanzija semplici imma ta' wahda in solidum cjoe' joint and several il-konsegwenza hija illi l-garanti in solidum fit-termini ta' l-artikolu 1935 (b) tal-Kodici Civili huwa fl-istess posizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eccezzjoni ta' l-eskussjoni jew il-beneficcju tad-divizjoni. In fatti l-effetti tal-garanzija solidali principalment jirrisolvu ruhhom proprju f'dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa moghti d-dritt illi jagixxi direttament kontra l-garanti solidali minghajr il-htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali jew li jirrikorri ghall-eskussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista' jagixxi kontra l-garanti solidali."*

Illi fit-tielet eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew illi *"…s-socjeta' attrici ghandha tipprova kif u ghaliex fid-29 ta' Settembru 1992 addebitat il-kont tas-socjeta' konvenuta bis-somom ta' Lm379.27 u Lm463.21 meta ma kienitx awtorizzata hekk tiddebitah u in ogni kaz trid tipprova l-bilanc dovut llum lilha."*

Illi dwar dan din il-Qorti sabet li l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenuti. Illi infatti Edward Calleja spjega fl-affidavit tieghu u anki fix-xhieda tieghu in kontro-ezami illi huwa kien kellem liz-zewg diretturi tas-socjeta' konvenuta li kienu tawh struzzjonijiet verbali cari illi l-imsemmija zewg somom kellhom jigu debitati. Imbaghad il-Bank kien ircieva konferma ta' dan bil-miktub li kienet pero' iffirmata minn Anthony Coleiro biss. Inoltre' jirrizulta wkoll mill-kopja tal-minuta ezebita mill-istess xhud (Dok "EC2" a fol.68 tal-process) li hi ffirmata minnu stess. Illi b'hekk m'hemm l-edba dubju li anki dawn iz-zewg debiti huma dovuti.

Illi imbaghad jifdal l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta Helen Camenzuli li eccepiet li ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hija ma kellha x'taqsam xejn mal-gestjoni tan-negozju mertu tal-kawza. Illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn mal-gestjoni mertu tal-kawza odjerna. Izda madankollu din l-eccezzjoni xorta wahda ma tistax tintlaqa'. Infatti ghalkemm m'hemm xejn imsemmi fin-nota ta' sottomissjoniet tal-konvenuti evidentement huma qed jirreferu ghall-**artikolu 1322(2) u (3)(f) tal-Kap.16** li jipprovdu li l-amministrazzjoni straordinarja li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Il-ligi telenka diversi atti fosthom *"li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta' flus f'kont f'bank"* li taqa' tahthom il-garanzija solidali ffirmata minn Coleiro u Camenzuli. Hemm ukoll l-**artikolu 1326(1)** li jipprovdi li meta l-atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati skond kif il-ligi tiddisponi.

Illi pero' kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Formosa et"** ( 901/98/RCP – 2 ta' Gunju 1999):-

*"Illi dawn l-artikoli gew introdotti fil-ligi taghna permezz ta' Att Numru XXI ta' l-1993. Illi l-ewwel artiklu ta' dan l-istess att jaqra:-*

*"1(i) Dan l-Att jista' jissejjah l-Att ta' l-1993 li jemenda l-Kodici Civili (Emenda Nru.2) u ghandu jinqara u jiftiehem haga wahda mal-Kodici Civili hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjah il-Kodici.*

*Illi pero' dawn l-artikoli -…- gew in vigore fl-1 ta' Dicembru 1993 permezz tal-Avviz Legali Numru 127 ta' l-1993."*

Illi allura meta giet iffirmata l-garanzija solidali fir-rigward tal-facilita' mertu tal-kawza odjerna fit-18 ta' Mejju 1993 dawn l-artikli ma kienux gew *in vigore* u ghalhekk kienet il-ligi precedenti li kienet ghadha vigenti cioe' li r-ragel kien amministratur tal-komunjoni tal-akkwisti, u, konsegwentement seta' jiffirma minghajr il-kunsens tal-mara. Illi ghalhekk id-dejn imsemmi jaqa' fil-komunjoni tal-akkwisti, aktar u aktar meta l-amministrazzjoni tal-akkwisti kienet f'idejn ir-ragel skond **l-artikolu 1317 tal-kap 16** li baqghet *in vigore* sakemm gie effettiv l-Att XXI tal-1993 bl-Avviz Legali 127 tal-1993. Din hija msahha bid-disposizzjoni tal-**artikolu 89** tal-istess Att XXI tal-1993, li tiddisponi li kull obbligazzjoni li saret legittimament f'isem il-komunjoni qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ma hijiex milquta mid-disposizzjonijiet tal-Att XX1 tal-1993.

Illi konsegwentement ghar-ragunijiet fuq premessi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Camenzuli u l-eccezzjoni ulterjuri tal-istess konvenuta, u fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta u tal-

kjamat in kawza, u filwaqt li tillibera lill-kjamat in kawza Anthony Coleiro mill-osservanza tal-gudizzju, **tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenuti b'mod solidali bejniethom huma debituri tas-socjeta' attrici tas-somma ta' tmient elef mija u tlieta u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm8,143.55) rapprezentanti somma dovuta skond facilita' ta' "*overdraft*" moghtija mis-socjeta' lis-socjeta' konvenuta u ghall-hlas ta' liema somma l-konvenuti Charles u Helen konjugi Camenzuli kkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici.

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti b'mod solidali bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' tmient elef mija u tlieta u erbghin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm8143.55).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-kjamat in kawza w inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 1996 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-interessi ulterjuri b'effett mit-28 ta' Gunju 1996 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti filwaqt li jibqa' ritenut kull dritt spettanti talvolta lill-konvenuti kontra l-kjamat in kawza *sic et quatenus*.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**